# Il-Koppla tal-Knisja ta' Ħal Balzan f'għeluq it-300 sena mill-bini tagħha

Carmel Bezzina B.A., M.A., M.Ed.Couns (Bristol)

Tul il-medda art li fuqha hu mifrux ir-raħal ta' Ħal Balzan, imdawwar minn Ħ'Attard, Ħal Lija, l-Iklin u Birkirkara, dari aktar mil-lum kienu jispikkaw il-kampnar u l-koppla tal-knisja parrokkjali. Fi tfuliti, fis-snin 50 u 60 tas-seklu li għadda, il-koppla tal-knisja, bħall-kampnar, kienet għadha tidher minn diversi nħawi tar-raħal mingħajr ma wieħed kien ikollu għalfejn jitla' fuq il-bejt biex jaraha. Illum l-istorja nbidlet: kull fejn titfa' ħarstek ma tarax ħlief bini tiela', xi drabi biex jieħu post bini ieħor li mank ilu tletin sena wieqaf, u għaldaqstant trid tasal sal-misraħ u l-erba' triqat ta' madwaru biex għajnejk jistrieħu fuq il-knisja parrokkjali, li tant hi għal qalb kull min jgħożż wirt Ħal Balzan. Din il-koppla, li bħal kuruna torbot u tgħaqqad flimkien in-navata prinċipali mal-kappelluni, billi l-knisja għandha l-għamla ta' salib Latin, din is-sena tagħlaq tliet mitt sena minn kemm ilha mibnija.



Il-koppla tal-knisja parrokkjali, li din is-sena qegħdin infakkru għeluq it-300 sena mill-bini tagħha

## Il-bini tal-koppla

**Bħal ħafna knejjes ta' dik l-epoka, il-knisja ta' Ħal Balzan ħadet għadd ta' snin biex inbniet. Fit-tieni nofs tas-seklu 17 Ħal Balzan ma kienx ħlief raħal żgħir b'popolazzjoni ta' madwar 500 ruħ, u għaldaqstant ma kienx faċli għalihom li jtellgħu struttura ta' dak id-daqs mingħajr ħafna sagrifiċċji kbar. Il-knisja bdiet tinbena fl-1669 u tlestiet madwar tletin sena wara, fis-sena 1699. Dak iż-żmien kienet għadha mingħajr il-koppla u l-kampnar.**

**Il-bini tal-koppla jaċċenna għalih l-ewwel darba l-Isqof David Cocco-Palmieri fil-viżta pastorali ta' l-20 ta' Settembru 1699 meta, fost ħwejjeġ oħra, jikteb li "ser jibda l-bini tal-koppla."**[1] Meta l-istess Isqof reġa' żar il-knisja nhar l-20 ta' Mejju 1709, kważi għaxar snin wara, jgħid li l-koppla kienet għadha kemm tlestiet u li min-naħa ta' ġewwa kienet imżejna bi skultura li ddur mat-twieqi.[2] Mela nistgħu ngħidu li l-koppla nbniet bejn is-snin 1699 u 1709. F'dan il-kuntest jissemmew xi nies li għenu finanzjarjament biex il-koppla setgħet tinbena. Hekk, mill-kotba ta' l-introjti u l-eżiti tal-*veneranda lampada* nafu li l-prokuraturi tal-knisja Dun Salv Debono u Dun Ġużepp Frendo rċevew kontribuzzjonijiet għall-bini tal-koppla mingħand Pietru Sammut, Gio Batta Hagius u Baskal Grech.[3]

Dun Ġwann Dimech jasal biex jikkonkludi li l-bini tal-koppla tlesta fil-bidu ta' Ġunju 1707. "Dan nistgħu ngħiduh għaliex nafu li fil-5 ta' Ġunju 1707, skond il-ktieb tal-kontijiet, inxtara l-ġir mingħand Gio Marija Muscat, u nġab b'xejn minn Mikiel Muscat, biex il-koppla tista' titkaħħal u titbajjad. L-għada nxtrat u nġiebet mill-Belt tavla tal-punent biex tintuża bħala pont għall-bajjada."[4] Ix-xogħol tat-tikħil u t-tibjid tal-koppla tlesta fil-15 ta' Awissu ta' dik l-istess sena, u nhar it-28 ta' Awissu beda l-bini tal-lanterna. Kważi xahar wara, jiġifieri nhar it-22 ta' Settembru 1707, inġabet kwantità ta' deffun u ta' ġir biex jinksew u jitballtu l-iskutelli tas-soqfa kemm tal-koppla u kemm tal-lanterna, xogħol li jidher li sar f'qasir żmien.




*Dehra artistika tal-koppla, impinġija mhux 'to scale'. (Ħajr lil Joseph Spiteri)*

Fl-istess żmien kien qed isir ix-xogħol tat-twieqi. Dawn inħadmu l-Belt minn mastrudaxxa jismu Giopatist. Inġabu Ħal Balzan nhar it-18 ta' Settembru 1707 minn Grezzju Muscat, it-tifel ta' Mikiel. Billi dak iż-żmien it-trasport ma kien xejn faċli, dawn it-twieqi ttieħdu fil-knisja għadhom mhux mgħaqqdin. Tlitt ijiem wara tħallset is-somma ta' tliet skudi u għaxar ħabbiet għal għaxar nofs-saratizzi ta' l-aħmar u għall-imsiemer tat-tmien tilari tat-twieqi l-kbar tal-koppla. It-twieqi tal-lanterna tqiegħdu f'posthom ġimgħa wara, fil-25 ta' Settembru. Jumejn wara tħallas il-kont ta' sebat artal fildiferru ta' Venezja li nxtraw mingħand Mastru Wenzu Grima bil-prezz ta' tliet tarì kull ratal. "Nhar id-29 ta' Settembru 1707, festa ta' San Mikiel Arkanġlu, tħallas il-kont tal-ħġieġ u l-istann taċ-ċomb u għat-tqegħid tagħhom, li laħħqu 48 biċċa kull tieqa, u wkoll għat-trasport tagħhom mill-Belt. Qamu disa' skudi, 16-il tarì u 16-il ħabba. It-tilari tat-twieqi nżebgħu b'taħlita ta' bjankett, żejt u nugrufun."[5] Benefatturi li għenu f'dan ix-xogħol ma naqsux. Hekk, bejn it-8 ta' Settembru u l-21 ta' Diċembru 1707 il-prokuraturi tal-knisja rċevew kontribuzzjonijiet għat-twieqi tal-lanterna mingħand



*Dehra ta' l-iskutella tal-koppla minn barra. Jidhru tajjeb il-lanterna u l-ornamenti forma ta' balal bil-widnejn u l-piramidi fuqhom ta' fuq il-pilastri*

[1] Arkivju Kurja Arċiveskovili, Viżta Pastorali David Cocco Palmieri, fol.251. Ikkwotat minn Mons. Dun Ġwann Dimech, *Ħal Balzan: Ġrajjietu sa l-1999* (Malta: Kunsill Lokali Balzan, 2004) p.81.

[2] "Cupola noviter constructa, et varis celaturi ex parte interiori inter fenestras ornata." *Ibid.*, p.82.

[3] *Ibid.*, *loc.cit.*

[4] *Ibid.*, *loc.cit.*

[5] Arkivju Parrokkjali Parroċċa Ħal Balzan, Liber 8, p.35. Ikkwotat minn Dimech, *op.cit.*, *loc.cit.*

Grezzju Psaila, Dun Ġużepp Frendo, il-kappillan Dun Marju Tonna, Gio Maria Zarb, Battista Hagius u n-nutar Gio Paolo Troisi.[6]

Jissemmew ukoll l-ornamenti tal-ġebel biex il-koppla tkompli tissebbaħ minn barra. Nhar it-28 ta' Settembru 1707 beda x-xogħol ta' l-inturnjar tat-tmien balal u l-piramidi ta' fuqhom għal fuq il-pilastri tal-koppla. Dawn tlestew u tqiegħdu f'posthom nhar it-23 ta' Ottubru, u biex jitqiegħdu ntużaw żewġ sigħan ġibs. Mill-kontijiet li ħallsu l-prokuraturi jidher li minbarra l-materjal u x-xogħol kienu jħallsu wkoll l-ikel u l-inbid għall-ħaddiema. Hekk, jikteb Dun Ġwann Dimech, "il-ġurnata ta' qabel it-tqegħid ta' l-ornamenti ta' fuq il-koppla nxtrat nofs kwarta nbid ta' Noto, fi Sqallija, li qamet ħames tarì u ħames grani, u ħa għaxar ħabbiet min ġabha mingħand ta' l-inbid."[7]

Waqt li kien għaddej dan ix-xogħol kollu fuq il-koppla minn barra, inbdiet l-iskultura minn ġewwa. Nhar it-3 ta' Settembru 1707 kien hemm jaħdmu tliet skulturi. Ix-xogħol ta' l-iskultura beda bl-ornamenti ta' madwar it-twieqi u tkompla bit-tmien pilastri u l-karjatidi li jerfgħu l-kapitelli, kif se naraw. Dawn jirrendu 'l din il-koppla unika f'Malta, u għandu raġun Dun Ġwann Dimech jikkummenta li l-koppla "tiġbdek bi ġmielha u hija għaxqa għal kull min iħares lejha."[8]

## Aspetti arkitettoniċi tal-koppla

**Jidher li l-koppla tal-knisja ta' Ħal Balzan tirrappreżenta fażi transizzjonali fl-evoluzzjoni tal-koppla Maltija, bejn il-koppli baxxi li ġew qabilha, bħal ta' Ħ'Attard u n-Naxxar, xogħol Tumas Dingli, u dawk aktar dinamiċi ta' l-epoka barokka ddisinjati minn Lorenzo Gafà.** Meta nqabblu l-istruttura tal-koppla ta' Ħal Balzan ma' dawk li nbnew qabilha, jispikka l-għoli tat-tanbur li allura jirrendiha ħafna aktar eleganti, kemm minn barra u aktar u aktar minn ġewwa, u wkoll il-kobor tat-twieqi. Id-dimensjonijiet tagħha juru biċ-ċar dan li qed ngħidu. Hekk, l-għoli tal-koppla minn ġewwa, mill-gwarniċun ta' l-entablatura 'l fuq mil-lunetti sa l-għeluq tal-lanterna, huwa 13.3 metri. Dawn jinqasmu hekk: it-tanbur huwa għoli 5 metri, l-għoli ta' l-iskutella huwa 4.3 metri, filwaqt li l-lanterna hija għolja 4 metri.




*Cross-section* tal-koppla mill-pilastri maġġuri (fuq) u pjanta tal-bażi ottagonali tal-koppla (isfel). (Ħajr lil Joseph Spiteri)

Id-dijametru tal-koppla huwa 8.6 metri.[9]

Il-koppla ta' Ħal Balzan, flimkien mal-kampnar, toffri kuntrast mas-sempliċità tal-binja tal-knisja. Billi ċ-ċinta tal-knisja taqta' għad-dritt u m'għandhiex opramorta, il-koppla tidher ixxuxxata u titgawda kollha. It-tanbur ottagonali huwa mirfud minn tmien pilastri b'żewġ kantunieri ta' ordni Joniku, li fuqhom l-entablatura ma tibqax għaddejja dritta iżda tinkiser u toħroġ 'il barra fuq kull pilastru. It-twieqi, li fuq ġewwa huma rettangolari, minn barra jispiċċaw għat-tond b'arkitrav sempliċi mad-dawra ta' fuq. Kif diġà ssemma, fuq il-pilastri nsibu tmien balal tondi bi tliet widnejn u b'piramida kull waħda, li jservu ta' ornament delikat. L-iskutella tal-koppla tagħlaq b'lanterna ta' qisien proporzjonati ħafna, b'mensoli eleganti, u b'salib imqiegħed fuq ornament minqux b'ċertu dettall. Mhux ta' b'xejn li l-kritiku ta' l-arti l-Kav. Vincenzo Bonello jgħid li: *"La cupola di Casal Balzan mostra accenti d'arte scietta e nobilissima."*[10] U l-Professur Quentin Hughes, filwaqt li jirreferi għall-istess artiklu ta' Vincenzo Bonello, isejħilha *"the fine dome of Balzan church."*[11]



Dehra mill-qrib tal-koppla li turi l-karatteristiċi arkitettoniċi tagħha: il-pilastri bil-kapitelli ta' ordni Joniku, l-entablatura, u l-arkitrav ta' fuq it-twieqi

Il-koppla minn ġewwa għandha diversi aspetti li jolqtu l-għajn. Kif għajnejk jimirħu 'l fuq mill-erba' lunetti li jistrieħu fuq il-pilastri maġġuri, tolqtok l-entablatura, bl-arkitrav, il-friż, u l-gwarniċun skolpiti kollha. Fuqha jistrieħ it-tanbur ċilindriku, maqsum bi tmien pilastri/kolonni ta' ordni Joniku li, flimkien mat-twieqi, jistrieħu fuq bażi, donnha sekond'ordni, li titla' minn fuq il-gwarniċun. L-oriġinalità u l-ġmiel ta' din il-koppla ġejjin mill-fatt li l-kapitelli huma miżmumin minn tmien figuri, uħud maskili u oħrajn femminili, ta' etajiet differenti, skolpiti mill-qadd 'il fuq. Dawn għandhom pożizzjonijiet differenti, u qed jerfgħu fuq daharhom, min b'id waħda min biż-żewġ idejn, il-parti ta' fuq tal-kolonna li tispiċċa b'kapitell Joniku. Dawn il-figuri jissejħu karjatidi.[12] Fuq il-gwarniċa u madwar it-twieqi tal-koppla huwa ornamentat b'motivi barokki ta' arzell u friegħi tal-palm, puttini u anġli jżommu girlandi ta' weraq u ward. "L-iskultura u l-karjatidi jirrendu l-koppla iżjed sinjorili u maestuża, barra milli hija wkoll artistikament perfetta u arkitettonikament eżatta."[13] L-entablatura tinkiser u toħroġ 'il barra mhux biss fuq il-pilastri imma saħansitra fuq kull

---

6 *Ibid.*, Liber 4, p.30. Ikkwotat minn Dimech, *op.cit.*, *loc.cit.*

7 *Ibid.*, Liber 8, p.35. Ikkwotat minn Dimech, *op.cit.*, p.83.

8 Dimech, *op.cit.*, p.81.

9 Nirringrazzja lis-Sur Joseph Spiteri talli għaddieli d-disinji u l-qisien tal-koppla, frott ir-riċerka tiegħu għad-Diploma fl-Arkitettura Barokka. Ara Joseph Spiteri, "The Development of the Maltese Masonry Dome towards the Baroque Age," *long essay* ippreżentat fl-Istitut Internazzjonali għall-Istudji Barokki, L-Università ta' Malta, 2004.

10 *Malta*, p.45.

11 Quentin Hughes, *The Building of Malta 1530-1795* (London: Alec Tiranti, 1967) p.96.

12 Il-'karjatidi' huma figuri femminili li kienu jservu ta' kolonni jew pilastri fit-tempji tal-Greċja tal-qedem. X'aktarx li l-aktar eżempju tipiku fejn naraw l-użu tal-karjatidi huwa l-*Erechtheum* ta' Ateni. Dan it-tempju fuq l-Akropoli huwa wieħed mill-kapolavuri ta' l-arkitettura Griega, u nbena bejn is-snin 421 u 405 Q.K. Għalkemm, biex inkunu eżatti, meta l-figuri jkunu maskili dawn jissejħu 'atlanti' jew 'telamoni', il-kelma 'karjatidi' maż-żmien bdiet tintuża b'mod ġenerali għall-figuri taż-żewġ sessi.

13 Dimech, *op.cit.*, p.84.

ikompli f'paġna 8

ikompli minn paġna 7

waħda mit-tmien twieqi, biex hekk tingħata ċerta eleganza ġeometrika lill-koppla. Minn fuq il-gwarniċ tat-tanbur jitilgħu tmien kustilji rqaq f'għamla ta' pilastri li jaqsmu l-iskutella tal-koppla fi tmien flieli. Dawn il-pilastri pjuttost lixxi jispiċċaw b'kapitell ta' ordni Kompost, u fuqhom jistrieħ iċ-ċirku tal-lanterna. Għalkemm Dun Ġwann Dimech donnu jissuġġerixxi li l-użu tal-karjatidi jista' jitfa' dawl fuq min seta' ddisinja din il-koppla, irid jingħad li l-arkitett tagħha għadu sal-lum mhux magħruf.[14]

## Il-pittura tal-koppla

**Żvilupp ieħor fl-istorja tal-koppla kien il-proġett tal-pittura. Dan sar fl-aħħar snin tas-seklu 19, u l-pittur li ntgħażel għal dan ix-xogħol ma kien ħadd għajr il-pittur magħruf Malti Giuseppe Calì** (1846-1930). Calì kien diġà wera l-ħila tiegħu f'diversi knejjes oħra, u anke fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan kien pitter il-kwadru sabiħ tal-Madonna tar-Rużarju fl-1892.[15] Issa kellu quddiemu l-isfida tal-koppla, maqsuma kif inhi fi tmien flieli. Is-suġġett li kellu jittratta kien 'Id-Doni ta' l-Ispirtu s-Santu', suġġett marbut ħafna mat-titular tal-parroċċa. Is-sehem ta' l-Ispirtu s-Santu fil-misterju ta' l-Inkarnazzjoni joħroġ ċar minn kliem l-Anġlu Gabriel lil Marija kif insibuh fl-Evanġelju ta' San Luqa, u li jinsab minqux fuq il-friż tal-knisja: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek; u għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jkun jissejjaħ Bin Alla l-Għoli" (Luqa 1: 35). Dawn il-kelmiet Mro Dr Paolo Nani immortalizzahom fin-noti melodjużi ta' l-antifona tiegħu *Spiritus Sanctus* li kkompona fl-1875 għall-festa tal-Lunzjata.[16]



*Dehra tal-koppla minn ġewwa li turi l-pittura tas-Seba' Doni ta' l-Ispiirtu s-Santu, xogħol Giuseppe Calì fl-1894*

Calì żvolġa t-tema tad-Doni ta' l-Ispirtu s-Santu fit-tmien taqsimiet tal-koppla billi fil-felli tan-nofs, li jiġi fuq l-artal maġġur, huwa pitter l-Ispirtu s-Santu taħt forma ta' ħamiema bajda tittajjar, imdawwar b'ċirku ta' anġli żgħar u puttini, u taħtu urna li minnha ħiereġ id-dawl ta' l-imħabba. Din is-sħaba ta' dawl, imnissla min-nar ta' l-urna mistika, tibqa' tirradja u tinfirex fis-seba' taqsimiet l-oħra, biex hekk il-koppla tingħata ċerta unità minkejja t-tmien pilastri rqaq li jifirdu taqsima minn oħra.[17] F'dawn is-seba' taqsimiet naraw impittra seba' serafini, li jirrappreżentaw id-doni ta' l-Ispirtu s-Santu, jiġifieri l-Għerf, il-Fehma, il-Kunsill, il-Qawwa, ix-Xjenza, il-Pjetà, u l-Biża' t'Alla, u madwarhom qtajja' ta' anġli żgħar jittajru fil-beraħ u joħolqu dehra ta' moviment ferrieħi. "Il-ġmiel ta' dawn il-figuri ta' l-Anġli, bil-ħlewwa ta' l-uċuħ, bil-poża u d-drappijiet li għandhom fuqhom," jikteb Rafel Bonnici Calì, "jagħtuna dehra tassew sabiħa, aktarx l-isbaħ interpretazzjoni pittorika tad-Doni ta' l-Ispirtu s-Santu li tana Calì fil-knejjes tagħna."[18]



*Dettal tal-pittura u ta' l-arkitettura tal-koppla*

Il-pittura tal-koppla tlestiet f'Marzu 1894 għall-festa titulari tal-Lunzjata. Mill-kummenti u l-apprezzamenti tal-kritiċi li dehru fl-istampa lokali ta' dik il-ħabta, jidher li l-pittura ntlaqgħet tajjeb ħafna. Korrispondent minnhom kiteb hekk fil-*Gazzetta di Malta* tas-Sibt, 24 ta' Marzu 1894: "*Il tono generale del colorito e del chiaroscuro è tenuto come s'addice a soggetti aerei, e ne da all'ambiente l'effetto d'un'atmosfera dolce e soave, che rende l'opera stupendamente bella.*" Huwa jissokta jgħid li dik is-sena l-festa tal-Lunzjata kellha ssir b'pompa mhux tas-soltu, "*e gli egregi Maestri Nani si coopereranno colle loro belle melodie a rendere*

---

Hawn Dun Ġwann Dimech jikkwota minn ittra li kien kiteb il-Kan. Dun Spir Sammut dwar il-koppla ta' Ħal Balzan. Dun Spir, bin is-sengħa ta' l-iskultura u skultur huwa nnifsu, jgħid li "... l-koppla tagħna hija iżjed sinjorili u maestuża għax hija artistikament perfetta u arkitettonikament eżatta. Artistikament perfetta għaliex ma hemm xejn kontra l-arti u ma fiha xejn li joffendi l-għajn għax il-forma tagħha tirrendiha żvelta u ħajja. Arkitettonikament eżatta għaliex fl-ordni arkitettoniku hija t-tielet waħda, jiġifieri ordni *'ionico antico'*. Għidt eżatta għaliex l-ordni huwa komplit, fil-pilastri ottagonali tagħha skond il-modulu, jiġifieri ibda miz-zokklatura, vażа, fusto, kapitell, arkitrav, friż u gwarniċun li fuqha tikkonkludi l-ordni bil-gastri sbieħ li jkomplu jornaw u jagħtu iżjed ħajja artistika lill-koppla." (*Ħal Balzan* Nru 26, Novembru/Diċembru 1975, p.3).

[14] Dun Ġwann Dimech (*op.cit.*, p.81) jissuġġerixxi li l-arkitett seta' kien Giovanni Barbara billi huwa jimxi fuq Quentin Hughes, li kien attribwixxa s-Seminarju ta' l-Imdina, illum il-Mużew tal-Katidral, lil dan l-arkitett (Hughes, *op.cit.*, p.181), billi l-karjatidi li naraw fil-koppla ta' Ħal Balzan jixbhu ħafna liż-żewġ atlanti (jew karjatidi) fil-faċċata ta' dan il-bini fuq kull naħa tal-bieb prinċipali qed iżommu l-gallarija. Iżda din l-attribuzzjoni lil Giovanni Barbara llum hija miċħuda mill-istudjużi moderni. Jista' jkun li l-arkitett tas-Seminarju ta' l-Imdina lanqas biss ma kien Malti. (Mario Buhagiar u Stanley Fiorini, *Mdina: The Cathedral City of Malta*, Volum II, Malta: The Central Bank of Malta, 1996, p.576).

[15] Dimech, *op.cit.*, p.129.

[16] *Fede ed Azione*, 14 ta' April 1875.

[17] *"The unity of the whole scheme is maintained by a flimsy cloud which filters into every compartment and thus overcomes the physical barrier presented each time by the ribs dividing the inner surface of the dome. The eight sections provide an exercise in posture with gambolling putti flitting around and enveloped in the general soft purplish tonality."* (Emanuel Fiorentino u Louis A. Grasso, *Giuseppe Calì (1846-1930)*, Malta: Said International Ltd, 1991, p.45).

[18] (Kav.) Rafel Bonnici Calì, "Ħal Balzan u l-Pittur Ġużè Calì", *Ħal Balzan* Nru 52, Lulju/Settembru 1980, pp.4-5.

Ta' min isemmi li l-koppla ta' Ħal Balzan kienet waħda mill-koppli riprodotti fil-kalendarju tal-*Bank of Valletta* għas-sena 2002.

*maggiormente attraente il Santuario novellamente arricchito di pittura."* Fl-aħħarnett, il-korrispondent jikkonkludi billi jifraħ lill-pittur bravu, lill-kappillan Dun Ġwann Sarreo għall-ħeġġa u t-tħabrik tiegħu biex tissebbaħ id-dar ta' Alla, u lill-konti Manduca għall-ġenerożità u l-interess bla heda li dejjem wera f'din il-knisja.[19]

## Mal-medda tas-snin ...

**Tul dawn it-tliet mitt sena li ilha wieqfa, għalkemm il-koppla ġarrbet ħsarat u sarulha tiswijiet, għall-grazzja t'Alla qatt ma kien hemm ħsarat serji jew tiġrif, u għaldaqstant nistgħu ngħidu li l-koppla li naraw illum għadha dik li ħallewlna missirijietna. Fost il-ħsarat li jissemmew, nafu li xahrejn biss wara t-tqegħid tat-twieqi, nhar is-27 ta' Novembru 1707, kellhom jerġgħu jiġu mill-Belt il-mastrudaxxa u tal-ħġieġ biex jaraw sewwa għaliex kienu nkisru erba' ħġiġiet minn tieqa tal-koppla. Dawn bidlu l-ħġieġ u qiegħdu ċomb ġdid fejn kien meħtieġ. Nafu wkoll li fl-10 ta' Jannar 1712, f'Marzu 1717, f'Diċembru 1718 u f'Awissu 1721 tħallsu kontijiet għax-xiri ta' ħġieġ għat-twieqi tal-koppla u tal-lanterna.**

**Fl-1808 tempesta qalila kissret waħda mit-twieqi tal-koppla u farrket għal kollox tliet twieqi tal-lanterna. It-tieqa tal-koppla kellha ssir mill-ġdid, u bejn injam, ħġieġ u xogħol tħallset is-somma ta' 35 skud. It-tliet twieqi tal-lanterna kellhom jingħalqu bl-injam sakemm issewwew. Esposta kif inhi għall-elementi tan-natura, il-lanterna kellha ssirilha tiswija tajba f'Diċembru 1845. Maż-żmien is-salib ta' fuq il-lanterna kellu jinbidel ukoll. Is-salib il-ġdid tal-ġebel qam 12-il xelin u qiegħdu mingħajr ħlas l-imgħallem Piju Ebejer nhar it-22 ta' April 1920.**[20] Fil-bidu tas-snin 50 tas-seklu l-ieħor, tul il-parrokat ta' Dun Ġużepp Minuti (1950-1954), il-lanterna tal-koppla sarulha xi tiswijiet min-naħa ta' ġewwa. Dawn saru minn Speditu Cutajar, megħjun minn Valent Chetcuti, is-sagristan tal-knisja.[21]

Aktar qrib lejn żmienna ġie deċiż li l-lanterna tal-koppla tinbidel kważi għal kollox, l-aktar minħabba xi konsenturi li tfaċċaw. Ix-xogħol sar bejn is-17 ta' Settembru u l-1 ta' Novembru 1987 fi żmien il-kappillan Dun Tarċisju Delicata, illum monsinjur. Il-lavur u x-xogħol tal-ġebla nħadem kollu wara l-knisja, imbagħad kien jittella' fuq il-koppla kemm jitqiegħed f'postu. Ix-xogħol kollu, ta' preċiżjoni u ta' periklu fl-istess ħin, sar mill-imgħallem Ġanni Camilleri li joqgħod Ħal Balzan, bniedem imħarreġ sewwa fis-sengħa tal-bini, megħjun minn oħrajn li taw sehemhom fil-ħin tal-mistrieħ tagħhom. F'dan ix-xogħol kien ikkonsultat il-perit Italo Raniolo. Minkejja li ħafna mix-xogħol sar b'xejn, intefqet is-somma ta' Lm 2203. Kien f'dan iż-żmien ukoll li sar ir-restawr tal-koppla minn ġewwa. Ġiet irrestawrata l-pittura ta' Calì,



*Il-lanterna tal-koppla, li l-parti ta' fuq tagħha kellha tinbidel u tinbena mill-ġdid għoxrin sena ilu, fl-1987*

xogħol li sewa Lm 2400, u ntefqu wkoll Lm 200 f'żebgħa u folji tad-deheb għall-induratura.[22] Illum, meta nħarsu lejn din il-koppla ħelwa, ma jistgħux ma jgħaddulniex xi ħsibijiet f'għeluq dan it-tielet ċentinarju tagħha. Il-Balzanin li bnewha mietu u ntesew, bħalma mietu wkoll uliedhom u wlied uliedhom. Iżda l-koppla għadha hemm, xhud ta' bosta ġrajjiet li għaddew minnhom ir-raħal tagħna u gżiritna. Min jaf, li kellha l-koppla titkellem, kemm-il ġrajja għandha x'tirrakkuntalna! Min jaf kemm-il magħmudija ta' tarbija rat għad-dell tagħha, kemm-il koppja rat jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom, min jaf kemm għeżież rat jingħataw l-aħħar tislima qabel id-difna, min jaf kemm rat Balzanin jibku u jitfarrġu quddiem il-preżenza ħajja ta' Ġesù fit-tabernaklu! Il-preżenza siekta ta' din l-istruttura, maħduma mill-ġebla Maltija, li mal-medda tas-snin ħadet il-lewn li tawha l-elementi tan-natura u x-xemx sħuna tal-Mediterran, hija ta' wens għalina l-Balzanin kull meta nħarsu lejha, tgħasses fuq il-bjut u tindokra d-djar u l-ġonna ta' raħal twelidna.

---

[19] *Gazzetta di Malta – Corriere mercantile maltese*, Is-Sibt, 24 ta' Marzu 1894, p.2.
L-istess korrispondent, li ffirma 'S.', irriproduċa din l-istess kitba tiegħu, intitolata *'Pittura Sacra'*, fil-gazzetti *Il Portafoglio Maltese* tal-Ħamis, 29 ta' Marzu 1894, p.2, *Il Risorgimento* tas-Sibt, 31 ta' Marzu 1894, p.2, u *L'Ordine* tat-Tlieta, 3 ta' April 1894, p.3.
Il-konti Manduca msemmi f'din il-kitba huwa l-konti Francesco Manduca Piscopo Macedonia (1851-1916), missier il-konti Bernardo (1891-1971) li ħafna minna għadna niftakruh.

[20] Arkivju Parrokkjali Parroċċa Ħal Balzan, Liber 48, 26, 29. Ikkwotat minn Dimech, *op.cit.*, p.86.

[21] Ħajr lil Valent Chetcuti ta' din l-informazzjoni li tani.

[22] Dimech, *op.cit.*, p.221.